tas-26 ta' Settembru 2008, ma kienx jippermetti lill-Qorti tal-Prim'Istanza teżerċita l-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-legalità tad-deċiżjoni 2008/583/KE u kien jippreġudika d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2008 li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/868/KE. ĠU L 188, p. 21.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-30/09)**

(2009/C 82/27)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Sipos u P. Guerra e Andrade, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma fasslitx pjani ta' emerġenza esterni fir-rigward tal-istabbilimenti li kienu s-suġġett ta' dawn il-pjani, ir-Repubblika Portugiża ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE [1] tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/105/KE tas-16 ta' Diċembru 2003;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Jirriżulta mill-ittri mibgħuta mill-Gvern Portugiż lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dan is-suġġett li l-ebda wieħed mill-istabbilimenti li kellhom l-obbligu li jfasslu pjani ta' emerġenza ma kellu l-pjan ta' emerġenza estern tiegħu approvat skont id-direttiva.

L-Artikolu 11 tad-Direttiva 96/82 joħloq għall-Istati Membri l-obbligu li jiżgūraw li l-operaturi jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni neċessarja għat-tfassil tal-pjani ta' emerġenza esterni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu dawn il-pjani ta' emerġenza.

Skont l-Artikolu 11(4) tad-direttiva l-pjani ta' emerġenza interni u esterni għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid, ittestjati, riveduti u aġġornati f'intervalli ta' mhux iktar minn tliet snin.

Bħal ma ġie kkonstatat mill-informazzjoni tal-Gvern Portugiż innifsu, l-ebda waħda minn dawn l-obbligi ma ġie sodisfatt fil-Portugall.

(1) ĠU 1997 L 10, p. 13.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővarosi Bíróság (l-Ungerija) fis-26 ta' Jannar 2009 — Bolbol Nawras vs Bevándorlási és Allampolgársági Hivatal

**(Kawża C-31/09)**

(2009/C 82/28)

*Lingwa tal-kawża: L-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Fővarosi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Bolbol Nawras

*Konvenut:* Bevándorlási és Allampolgársági Hivatal

### Domandi preliminari

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83 [1]:

1) Għandu jiġi kkunsidrat li persuna tibbenefika mill-protezzjoni u mill-għajnuna ta' istituzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti biss minħabba l-fatt li din il-persuna għandha dritt għal din l-għajnuna jew għal din il-protezzjoni jew huwa neċessarju li din tkun fil-fatt irrikorriet [2] għal din il-protezzjoni jew għal din l-għajnuna?

2) Il-waqfien tal-protezzjoni jew tal-għajnuna ta' istituzzjoni timplika residenza barra miż-żona ta' operazzjoni tagħha, il-waqfien tal-attivitajiet tal-istituzzjoni, it-temma tal-possibbiltà li wieħed jibbenefika minn protezzjoni jew għajnuna minnaħa ta' din l-istituzzjoni jew, possibbilment, ostakolu oġġettiv li minħabba fih il-persuna li għandha dritt għall-protezzjoni jew għall-għajnuna ma tkunx tista' tirrikorri għaliha?

3) Il-fatt li wieħed jista' jipprevali ruħu mid-Direttiva jimplika r-rikonoxximent tal-istat ta' refuġjat jew waħda miż-żewġ forom ta' protezzjoni inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (l-istat ta' refuġjat u l-għoti tal-protezzjoni sussidjarja) skont l-għażla tal-Istat Membru, jew, skont il-każ, ebda waħda minnhom b'mod awtomatiku iżda biss l-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi [minimi stabbiliti] għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, p. 12).

(2) Nota: Il-forma verbali użata bl-Ungeriż hija ambigwa u tista' tinftiehem ukoll fil-preżent: li din fil-fatt tirrikorri.